MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-21 ta' April, 2009

Numru 85/2009

PULIZIJA
SPETTUR ELTON TALIANA
VS
EMMANUEL PACE

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Emmanuel Pace, ta’ 42 sena, imwieled gewwa l-Ingilterra nahr it-31 ta’ Marzu, 1966, iben Anthony u Gena nee’ Zerafa, residenti gewwa 29, Triq A. Cuschieri, Birkirkata u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 99585(M).

Illi huwa akkuzat talli nhar it-2 ta’ Frar, 2009, ghall-habta ta’ 19.00hrs, gewwa l-fond 29, fi Triq A. Cuschieri, Birkirkara, bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm, jew issekwestra lil Glieven Grech ta’ 9 snin kontra l-volonta’ tieghu u meta dik il-

persuna arreastata, mizmuma jew issekwestrata giet mhedda bil-mewt;

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kkaguna lil Josianne Grech u lil binha Glieven biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom;

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kkagunajt griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Josianne Grech, hekk kif iccertifikat it-tabib Sarah Vella mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta;

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Finalment akkuzat aktar talli huwa sar recidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghall-reat, b'sentenza ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u dak ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, il-Qorti ssib lill-imputat, Emmanuel Pace, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 86, 221, 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 3

u 4 tal-Kap.480 tal-Ligijiet ta’ Malta u tikkundannah ghal tlett (3) xhur habs.

Din il-Qorti fl-ghoti ta’ piena, hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat u l-fedina penali rafrettarja ta’ l-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------